# Għaliex Inħobb l-Ilsien Malti?

Nistħajjel lil xi ħadd jistaqsini: "Għaliex inti wkoll tħobb l-ilsien Malti?" It-tweġiba tiegħi hi l-iktar waħda ħafifa: Jiena nħobb l-ilsien Malti għax hu lsieni. Li kieku ma nħobbux ma jkunx jistħoqqli nirfes fuq art twelidi, għax bħalma kiteb il-"De Amicis": "Min imaqdar ilsienu huwa għadu ta' pajjiżu". Inħobbu mela għax jiena wild dawn il-gżejjer imbierka, imqegħdin mn'Alla n-nifsu f'nofs baħar tan-nir, imsaħħnin bix-xemx, imfawrin bil-ħdura u b'kull ġmiel. Inħobbu, għax dan l-ilsien ħariġli minn fommi ma' l-ewwel tnehida u bih tlabt għar-rkubbtejja għall-ewwel darba quddiem ix-xbiha ta' Ġesù Msallab. Inħobbu, għax bih nifhem u nfiehem aħjar lil dawk li jiena ngħallem; inħobbu, għax bih naqra fil-qlub imfawrin bis-sogħba u bl-imħabba u nwieġeb fis-skiet tal-Kunfessjonarju għal mistoqsijiet li jsaħħru. Inħobbu l-ilsien Malti, għax meta naqrah miktub u mirqum tajjeb, inħossu ħelu daqs il-għasel tas-sagħtar ta' l-aħrax tal-Mellieħa.

Inħobbu mela mhux għal xi pulitka bla togħma, imma għax ifakkarni f'Ġesù ta' Nazareth li, meta, b'xuxtu twila żbul id-deheb, mitfugħa tperper maż-żiffa fuq spallejh għoljin, flimkien ma' sħabu, kien igħaddi mit-triqat tal-Galilija u tal-Lhudija, kien igħallem, ifarraġ, ifejjaq, jirxoxta l-mejtin bi lsien li jixbah lil tagħna. "Talida qumi" u "Effetah" huma xhieda li tibqa' maħżuża b'ittri tad-deheb fl-aqwa ktieb li qatt sata' jinkiteb—il-Vanġelu—, xhieda li tiswa daqs daqqa ta' sejf li jaqta' minn żewġ naħiet f'qalb dawk kollha li jiddieħku bina meta ngħidu kliem bħal dan. Inħobbu l-Malti, għax hu dak il-lsien li San Pawl sata' jifhem meta l-Maltin laqgħuh fuq ir-rdumijiet tal-Mistra u daru bih u bi sħabu miegħu li ħelsu mill-għarqa bejn il-gżejjer ta' Selmun u Selmunett, u li bih huma, il-Maltin, setgħu jifhmu 'l dak Missierna meta għarrafhom bil-bxara t-tajba, bit-twemmin ġdid nisrani u huma talbu dlonk il-Magħmudija.

Inħobbu wkoll mela għall-qedem tiegħu, għax l-istorja ma taf tgħidilna xejn fuq in-nisel tiegħu u lanqas ma taf

tgħidilna kif u meta daħal fil-gżejjer tagħna. Inħobbu l-Lsien Malti, imma mhux bħala mafkar tal-fuħħar jew tal-ġebel li, mal-mixja taż-żmenijiet, jitherra u jitmermer; iżda nħobbu u nqimu bħala mafkar tad-deheb safi tal-Persja li, kull ma jgħaddi ż-żmien, iktar jirfina u jleqq u jgħabbex il-għajnejn ta' min jinnamra minnu. Għalhekk inħobbu bħala waħda mill-ommijiet ta' ilsna oħra li ħarġu jew ħadu minnu. L-Ingliżi stess u l-Ġermaniżi kienu għadhom ma jitkellmux bi lsienhom meta l-ilsien malti kellu diġa xagħru abjad qotna; wisq inqas ma kienx hemm il-lsien taljan, franċiż, spanjol u oħrajn bħalhom, għax dawn għadhom kif twieldu l-bieraħ.

Inħobbu l-Malti għax bih, daqs elfejn sena qabel il-miġja ta' Kristu, minn dawn il-gżejjer xtered il-għerf tas-sengħa tal-bini fil-Greċja u ġewwa Ruma u minn hemm imbagħad trawwem mad-dinja kollha. Dan jixhduh Ħaġar Qim u l-Imnajdra f'Malta u l-Ġgantija f'Għawdex; jixhduh ukoll l-egħrien ta' Ħal Saflieni u fuq kollox il-Maqdes ta' Ħal Tarxien; jgħiduh fl-aħħarnett l-aqwa għorrief f'din is-sengħa, barranin u Maltin, fosthom il-mibki Sir Temi Zammit fil-Ktieb tiegħu "*Prehistoric Malta, the Tarxien Temples*" li għal għerfu kien magħruf u mfaħħar minn kulħadd.

Inħobbu wkoll ilsieni għax nara li l-ġnus kollha tad-dinja jħobbu 'l tagħhom u qatt ma waslu biex imaqdruh, iżebilħuh, u jarmuh bħala gods għadam imlaqqat li ma jkunx tajjeb għajr biex jaqdi fil-kċejjen, fil-ħwienet, fit-triqat, f'xatt il-baħar, bla ma jista' jidħol qatt fl-iskejjel, fis-swali, fil-qrati u fit-tijatri.

Imma dan mhux biżżejjed. Irrid inħobbu wkoll il-lsien tagħna għax hu jagħmilna nazzjon li, għalkemm ċkejken fid-daqs, hu kbir fil-ġrajjiet tiegħu. Il-lsien malti, il-kelma maltija riedet tkun li ħarġet qawwija mill-qlub tan-nisa maltin u tax-xbejbiet għarajjes li ħeġġet lil żwieġhom, lil uliedhom u lill-maħbubin tagħhom sabiex jiġġieldu bil-ħrara u ma jibżgħux u ma jerġgħux lura quddiem il-qilla tat-Torok misħutin u kefrin. Bil-lsien malti stħajjiltni nismagħhom lil dawk is-Suldati qalbiena, iwiegħdu għalenija, li jċarċru demmhom

għal Alla u għall Arthom u jaħilfu li jibqgħu hemm fuq is-swar ta' Sant'Jiermu u Sant'Anġlu sakemm jiksbu r-Rebħa. U l-jum mixtieq wasal, u, fil-waqt li l-għadu ħarab imwerwer fuq ix-xwieni tiegħu, il-għajta Maltija "Rebħa" bdiet iżżarżar minn fuq il-għoli tas-swar u, li għalkemm għaddew ma' dwar 400 sena, donni għadni nismagħha l-lum tidwi qawwija f'widnejja. Donni qiegħed nara lil Missirijietna, fil-waqt li jixxottaw id-dmugħ sħun li ġelben minn għajnejhom bil-ferħ, jibdew jiżżu ħajr bi lsienna lil Mulej u lil Ommu Mqaddsa tal-ħelsien u tar-Rebħa.

Inħobbu fl-aħħarnett il-Lsien Malti għax, għalkemm ma' tul iż-żmenijiet il-gżejjer tagħna raw lil kull ġens u semgħu ħafna ilsna, ilsienna baqa' ħaj, għalkemm ftit marradi. Xejn ma jimporta, għax il-lum qiegħed narah imfawwar bis-saħħa, għax iż-żgħażagħ tal-lum qegħdin jagħtuh demmhom il-bnin u jduru miegħu jgħassulu u jinxteħtu fi ħdanu, jissieltu ma' l-għadu, henjin. Inħobbu għax b'inkejja ta' l egħdewwa tiegħu, sewwa sew kif hemm fil-"Il-Malti", qiegħed jissieħeb ma' ilsna oħra ta' kull ġens u jsemma' leħnu safi u ħelu ma' l-erbat irjieħ tad-dinja mill-qalba ta' l-akbar Imperu li bħalu qatt ma deher u lanqas għad jidher.

Kif mela ma nħobbux jien ukoll ilsieni? Oh, imħabbtek iġġagħlni naħdem għalik biex narak tikber u tissaħħaħ iktar u tirbaħ dejjem. Tkun maħbub b'imħabba safja u aktar qawwija minn dik li tixgħel fil-qalb ta' l-imsejken baħħari li, wara żmien twil, igħannaq ma' ħdanu lil martu u lil uliedu.

Inħobbok, ja lsien art twelidi,
B'imħabba li qatt ma tintemm,
Int tibqa' ħabibi mill-akbar,
Egħżeż minnek ma jkunx hemm.

P. Pawl Tabone o.f.m.

*Qatt ma kien hemm gwerra tajba, jew paċi ħażina.*
Franklin.